31983L0417

26.8.1983 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 237/25

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Lulju 1983

dwar l-Approssimazzjoni tal-Liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(83/417/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'uħud mill-Istati Membri jiddefinixxu l-komposizzjoni u l-karatteristiċi tal-manifattura tal-kaseini u tal-kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem flimkien mal-kondizzjonijiet li dawn il-prodotti għandhom jħarsu sabiex jistgħu jintużaw ċerti denominazzjonijiet rigward tagħhom jew sabiex ikun jista' jiġi awtorizzat l-użu fit-tħejjijiet ta' oġġetti ta' l-ikel oħra; billi dawn id-dispożizzjonijiet ma jeżistux fil-preżent fi Stati Membri oħra;

Billi din is-sitwazzjoni hija hekk illi tfixkel il-moviment liberu tal-kaseini u l-kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u toħloq kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni mhux ġusta bejn l-utenti; billi għalhekk għandha effett dirett fuq il-mod kif jiġi stabbilit is-suq komuni u l-funzjonament tiegħu;

Billi huwa għalhekk meħtieġ illi jiġu stabbiliti, fil-livell Komunitarju, ir-regoli li għandhom jiġu osservati rigward il-komposizzjoni u t-tikkettjar ta' dawn il-prodotti;

Billi fil-preżent, il-kaseini u l-kaseinati li jittieklu mhumiex ġeneralment mibjugħa lill-aħħar konsumatur; billi, madankollu, jekk dan il-bejgħ isir, għandha tapplika wkoll id-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mat-tikkettjar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' l-oġġetti ta' l-ikel għall-bejgħ lill-aħħar konsumatur ([4]);

Billi, min-naħa l-oħra, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-kummerċ huwa prudenti li jiġu adottati, f'livell Komunitarju, ir-regoli għat-tikkettjar li japplikaw għall-kaseini u l-kaseinati li jittieklu maħsuba għall-użu fil-kummerċ;

Billi l-programm preliminari tal-Komunità Ekonomika Ewropea għal politika ta' protezzjoni u ta' tagħrif lill-konsumatur ([5]) jipprovdi għal azzjoni Komunitarja f'oqsma li huma ta' importanza speċjali għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumatur, notevolment, f'dik ta' l-oġġetti ta' l-ikel;

Billi l-proċess għad-definizzjoni tal-proċeduri ta' kampjunar u tal-metodi ta' l-analiżi meħtieġa sabiex jiġu ttestjati l-komposizzjoni u l-proprjetajiet l-oħra tal-prodott fil-kwistjoni jikkostitwixxi miżura teknika ta' implimentazzjoni li l-adozzjoni tagħha għandha tiġi fdata f'idejn il-Kummissjoni sabiex tissimplifika u tgħaġġel il-proċedura;

Billi fil-każijiet kollha li għalihom il-Kummissjoni tingħata l-poter mill-Kunsill sabiex timplimenta r-regoli li japplikaw għall-oġġetti ta' l-ikel għall-konsum mill-bniedem, għandha tiġi pprovvduta proċedura sabiex isseħħ il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel stabbilit skond id-Deċiżjoni 69/414/KEE ([6]),

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tirrigwarda l-lattoproteini, kif iddefiniti fl-Annessi, u li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem u t-taħlitiet tagħhom.

([1]) ĠU C 50, ta' l-24.2.1979, p. 5.
([2]) ĠU C 140, tal-5.6.1979, p. 174.
([3]) ĠU C 247, ta' l-1.10.1979, p. 54.
([4]) ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 1.
([5]) ĠU C 92, tal-25.4.1975, p. 1.
([6]) ĠU L 291, tad-29.11.1969, p. 9.

2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

— "kaseini" tfisser il-kostitwent prinċipali tal-proteina tal-ħalib, maħsul u mnixxef, li ma jinħallx fl-ilma u miksub mill-ħalib xkumat permezz tal-preċipitazzjoni:

— biż-żieda ta' l-aċidu, jew

— bl-aċidifikazzjoni mikrobjali, jew

— bl-użu tat-tames, jew

— bl-użu ta' enżimi oħrajn li jgħaqqdu l-ħalib,

mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' l-użu minn qabel tal-proċessi ta' l-iskambju tal-joni u l-proċessi tal-konċentrazzjoni,

— "kaseinati" tfisser il-prodotti miksuba bit-tnixxif tal-kaseini ttrattati b'aġenti li jinnewtralizzaw,

— "ħalib xkumat" ifisser il-ħalib ta' baqra waħda jew aktar li miegħu ma jkun ġie miżjud xejn u li minnu jkun tnaqqas il-kontenut tal-grass biss.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi:

— il-prodotti ddefiniti fl-Annessi jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq biss jekk jikkonformaw mad-definizzjonijiet u r-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva u fl-Annessi magħha, u

— il-prodotti li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Annessi jissemmew u jiġu ttikkettjati bil-mod illi x-xerrej ma jiġix imqarraq dwar in-natura, il-kwalità jew l-użu tagħhom.

L-Artikolu 3

L-ismijiet li hemm referenza għalihom fl-Annessi għandhom ikunu riservati għall-prodotti definiti u għandhom jintużaw kummerċjalment sabiex jiddenominaw dawn il-prodotti.

L-Artikolu 4

1.Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 79/112/KEE u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Komunità li jirrigwardaw it-tikkettjar ta' l-oġġetti ta' l-ikel mhux maħsuba għall-aħħar konsumatur, l-uniċi dettalji mandatorji li għandhom jiġu mmarkati fuq il-pakketti, il-kontenituri jew it-tikketti tal-prodotti ddefiniti fl-Anness, id-dettalji li għandhom jkunu jidhru b'mod ċar, jinqraw faċilment u f'karattri li ma jitħassrux, għandhom ikunu kif ġej:

(a) l-isem riservat għal dawn il-prodotti skond l-Artikolu 3 ma', fil-każ tal-kaseinati, indikazzjoni tal-katjon jew il-katjoni;

(b) fil-każ tal-prodotti mqiegħda fis-suq bħala taħlitiet,

— il-kliem "taħlita ta'..." segwit mill-ismijiet tal-prodotti differenti li jagħmlu t-taħlita, fl-ordni dixxendenti tal-piż,

— indikazzjoni tal-katjon jew tal-katjoni fil-każ tal-kaseini jew il-kaseinati,

— il-kontenut tal-proteini fil-każ tat-taħlitiet li jkun fihom il-kaseinati;

(ċ) il-kwantità netta espressa fl-unitajiet tal-massa li ġejjin: kilogrammi jew grammi. Sat-tmiem tal-perjodu transitorju taż-żmien li matulu jintużaw l-unitajiet imperjali tal-kejl li jinsabu fil-Kapitolu D ta' l-Anness mad-Direttiva 71/354/KEE tat-18 ta' Ottubru 1971 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-unitajiet tal-kejl [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 76/770/KEE [2], huwa awtorizzat fil-Komunità, l-Irlanda u r-Renju Unit jistgħu jippermettu li l-kwantità tkun espressa biss fl-unitajiet imperjali tal-kejl ikkalkolati fuq il-bażi tarrati tal-konverżjoni li ġejjin:

— 1 ml = 0,0352 uqiji fluwidi (imperjali),

— 1 l = 1,760 pinta (imperjali) jew 0,220 ta' gallun (imperjali),

— 1 g = 0,0353 uqiji *(avoirdupois)*,

— 1 kg = 2,205 libbri.

(d) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-fabbrikant, jew ta' min jippakkja, jew ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità;

Madankollu, fil-każ tal-produzzjoni nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jżommu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jeħtieġu li jissemmew id-dettalji ta' l-istabbiliment tal-manifattura jew tal-imballaġġ;

(e) fil-każ tal-prodotti importati minn pajjiżi terzi, l-isem tal-pajjiż ta' l-oriġini;

(f) id-data tal-manifattura jew il-marka li biha jista' jiġi identifikat il-lott.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-bejgħ tal-kaseini u l-kaseinati li jittieklu fit-territorju tagħhom jekk il-partikolaritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1(a), (b), (e) u (f) ma jidhrux f'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mix-xerrej, għajr jekk dan ta' l-aħħar jingħata dan it-tagħrif b'mezzi oħra; din id-dispożizzjoni m'għandhiex tipprekludi d-dehra tal-partikolaritajiet imsemmija f'lingwi diversi.

[1] ĠU L 243, tad-29.10.1971, p. 29.
[2] ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 204.

Il-partikolaritajiet speċifikati fit-tielet inċiż tal-paragrafu 1(b), it-tielet inċiż, (ċ), (d), u (e) ta' l-istess paragrafu jeħtieġu jidhru biss fid-dokument ta' akkumpanjament. Għat-trasport bil-massa, din id-deroga tista' tiġi estiża għat-tieni inċiż ta' (b), u għal (f).

L-Artikolu 5

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet Komunitarji adottati fil-qasam tas-saħħa u l-iġjene f'konnessjoni mal-materjali bażiċi li hemm referenza għalihom fl-Annessi I u II, dawn il-prodotti għandhom ikunu bla ħsara għal trattament bis-sħana li jirrendi l-fosfatase negattiv.

L-Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi l-kummerċ fil-prodotti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 li jikkonformaw mad-definizzjonijiet u mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva u ma' l-Annessi ta' magħha ma jistgħux jiġu mfixkla bl-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati li jirregolaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-komposizzjoni u l-manifattura, il-imballaġġ jew it-tikkettjar ta' dawn il-prodotti jew ta' l-oġġetti ta' l-ikel b'mod ġenerali.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għad-dispożizzjonijiet mhux armonizzati li jkunu ġġustifikati għar-raġunijiet ta':

— il-protezzjoni tas-saħħa pubblika,

— il-prevenzjoni tal-frodi għajr jekk dawn id-dispożizzjonijiet ikunu jistgħu jimpedixxu l-applikazzjoni tad-definizzjonijiet u r-regoli stabbiliti b'din id-Direttiva,

— il-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali, l-indikazzjonijiet tas-sors, id-denominazzjoni rreġistrata ta' l-oriġini u l-prevenzjoni tal-kompetizzjoni mhux ġusta.

L-Artikolu 7

1. Meta, b'riżultat tat-tagħrif ġdid jew ta' l-istima mill-ġdid tat-tagħrif eżistenti magħmul minn mindu tkun ġiet adottata din id-Direttiva, Stat Membru jsib illi teżisti xhieda ddettaljata illi l-użu fil-prodotti definiti fl-Annessi I u II ma' hawn ta' waħda mis-sustanzi li hemm referenza għalihom fihom jew il-kwantità massima tas-sustanzi li jistgħu jintużaw jikkostitwixxu periklu għas-saħħa tal-bniedem, għalkemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, dan l-Istat Membru jista' jissospendi temporanjament jew jirrestrinġi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-kwistjoni fit-territorju tiegħu. Għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan minnufih u għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina malajr kemm jista' jkun ir-raġunijiet mogħtija mill-Istat Membru interessat u għandha tikkonsulta lill-Istati Membri fil-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel; il-Kummissjoni għandha mbagħad tagħti l-opinjoni tagħha minnufih u tieħu l-miżuri approprjati kollha.

3. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra illi huma meħtieġa emendi għad-Direttiva sabiex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem, għandha tibda l-proċedura pprovvduta fl-Artikolu 10 bil-għan li jiġu adottati dawn l-emendi. F'dan il-każ, l-Istat Membru li jkun adotta l-miżuri ta' salvagward jista' jżommhom sakemm dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ.

L-Artikolu 8

Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jadotta fejn meħtieġ il-kriterji tas-safa għall-awżiljari teknoloġiċi li hemm referenza għalihom fl-Annessi.

L-Artikolu 9

Dan li ġej għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10:

(a) il-metodi ta' l-analiżi meħtieġa sabiex jiġu ċċekkjati l-kriterji tas-safa li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 8;

(b) il-proċeduri tat-teħid tal-kampjuni u l-metodi ta' l-analiżi meħtieġa sabiex jiġu ċċekkjati l-ispeċifikazzjonijiet tal-kompożizzjoni u tal-manifattura fil-waqt tal-manifattura tal-prodotti ddefiniti fl-Annessi.

L-Artikolu 10

1. Meta tiġi invokata l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel stabbilit bid-Deċiżjoni 69/414/KEE, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", mill-president tiegħu, jew fuq l-inizjattiva tiegħu nnifsu, jew fuq it-talba ta' rappreżentant ta' l-Istati Membri.

2. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz imsemmi f'dak iż-żmien li jistabbilixxi l-president tal-Kumitat fid-dawl ta' l-urġenza tal-materja fil-kwistjoni. Il-Kumitat għandu jiddeċiedi b'maġġoranza ta' mill-inqas 45 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri jiġu ppeżati skond l-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-president m'għandux jieħu sehem fil-votazzjoni.

3 (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri kkontemplati meta jkunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Meta l-miżuri kkontemplati ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, jew meta ma tkun ingħatat l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti minnufih lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata.

(ċ) Jekk, meta jiskadi l-perjodu taż-żmien ta' tliet xhur mid-data li fiha l-materja tkun ġiet riferita lill-Kunsill, dan ta' l-aħħar ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 11

Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-prodotti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 maħsuba għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

L-Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jagħmlu dawk l-emendi lill-liġijiet tagħhom skond kif meħtieġ sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni minnufih b'dan; il-liġijiet hekk emendati għandhom jiġu applikati b'mod illi:

— jippermettu l-kummerċ fil-prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard minn sentejn wara n-notifika tagħha ([1]),

— jipprojbixxu l-kummerċ fil-prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva tliet snin wara n-notifika tagħha.

L-Artikolu 13

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-25 ta' Lulju 1983.

Għall-Kunsill

Il-President

C. SIMITIS

([1]) Din Id-Direttiva kienet innotifikata lill-Istati Membri fit-2 ta' Awissju 1983.

L-ANNESS I

IL-KASEINI LI JITTIEKLU

I. L-ISMIJIET U D-DEFINIZZJONIJIET

(a) *"kaseinia aċiduża li tittiekel"* tfisser il-kaseina li tittiekel miksuba permezz tal-preċipitazzjoni bl-użu ta' l-awżiljari teknoloġiċi u l-kulturi batterjali elenkati fit-Taqsima II(d) li tikkonforma ma' l-istandards stabbiliti fit-Taqsima II.

(b) *"kaseina mit-tames li tittiekel"* tfisser il-kaseina li tittiekel miksuba permezz tal-preċipitazzjoni bl-użu ta' l-awżiljari teknoloġiċi elenkati fit-Taqsima III(d) li tikkonforma ma' l-istandards stabbiliti fit-Taqsima III.

II. L-ISTANDARDS LI JAPPLIKAWI GĦALL-"KASEINA AĊIDUŻA LI TITTIEKEL"

(a) **Il-fatturi essenzjali tal-komposizzjoni**

1. Il-kontenut massimu ta' l-irtuba	10,0 % tal-piż
2. Il-kontenut minimu tal-proteina tal-ħalib ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	90 % tal-piż
li minnu l-kontenut tal-kaseina huwa	95 % tal-piż
3. Il-kontenut massimu tal-grass tal-ħalib ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	2,25 % tal-piż
4. L-aċidità massima li tista' tiġi ttitrata, espressa f'ml ta' soluzzjoni tas-sodju idrossidu deċinormali għal kull g	0,27
5. Il-kontenut masssimu tar-rmied (inkluż il-P_2O_5)	2,5 % tal-piż
6. Il-kontenut massimu tal-lattosi anidru	1 % tal-piż
7. Il-kontenut massimu tas-sediment (partikoli maħruqa)	22,5 mg f'25 g

(b) **Il-Kontaminanti**

Il-kontenut massimu taċ-ċomb	1 mg/kg

(ċ) **L-Impuritajiet**

Il-materji estranji (bħalma huma l-partikoli ta' l-injam jew tal-metall, ix-xagħar jew il-frak ta' l-insetti)	xejn f'25 g

(d) **L-awżiljari teknoloġiċi u l-kulturi batterjali li ma jagħmlux ħsara xierqa għall-konsum mill-bniedem**

(i) — l-aċidu lattiku (E 270)
— l-aċidu idrokloriku
— l-aċidu sulfuriku
— l-aċidu ċitriku (E 330)
— l-aċidu aċetiku (E 260)
— l-aċidu ortofosforiku

(ii) — ix-xorrox
— il-kulturi batterjali li jipproduċu l-aċidu lattiku

(e) **Il-karatterisiċi organolettiċi**

1. *Ir-riħa:* L-ebda rwejjaħ barranija
2. *Id-dehra:* Kulur li jvarja minn abjad għal abjad kulur il-krema; il-prodott m'għandux ikun fih boċċi li ma jitfarrkux bi pressa ħafifa.

III. L-ISTANDARDS LI JAPPLIKAW GĦALL-"KASEINA MIT-TAMES LI TITTIEKEL"

(a) **Il-fatturi essenzjali tal-komposizzjoni**

1. Il-kontenut massimu ta' l-irtuba	10, 0 % m/m
2. Il-kontenut minimu tal-proteina tal-ħalib ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	84 % tal-piż
li minnu l-kontenut tal-kaseina huwa	95 % tal-piż
3. Il-kontenut massimu tal-grass tal-ħalib ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	2 % tal-piż
4. Il-kontenut minimu tar-rmied (inkluż il-$P_2 0_5$)	7,50 % tal-piż
5. Il-kontenut massimu ta' lattosi anidru	1 % tal-piż
6. Il-kontenut massimu ta' sediment (partikoli maħruqin)	22,5 mg f'25 g

(b) **Il-kontaminanti**

Il-kontenut massimu taċ-ċomb ta'	1 mg/kg

(ċ) **L-impuritajiet**

Il-materjali estranji (bħalma huma l-partikoli ta' l-injam jew tal-metall, ix-xagħar jew il-frak ta' l-insetti)	xejn f'25 g

(d) **L-awżiljari teknoloġiċi li ma jagħmlux ħsara u li huma tajba għall-konsum mill-bniedem**

— it-tames

— l-enżimi l-oħra li jgħaqqdu l-ħalib

(e) **Il-karatterisiċi organolettiċi**

1. *Ir-riħa:* L-ebda rwejjaħ barranija.
2. *Id-dehra:* Kulur li jvarja minn abjad għal abjad kulur il-krema; il-prodott m'għandux ikun fih boċċi li ma jitfarrkux bi pressa ħafifa.

L-ANNESS II

IL-KASEINATI LI JITTIEKLU

I. ID-DENOMINAZZJONIJIET U D-DEFINIZZJONIJIET

"kaseinati li jittieklu": ifissru l-kaseinati miksuba minn kaseini li jittieklu bl-użu ta' aġenti newtralizzanti tal-kwalità li tittiekel elenkati taħt it-Taqsima II(d) u li jikkonformaw ma' l-istandards stabbiliti fit-Taqsima II.

II. L-ISTANDARDS LI JAPPLIKAW GĦALL-KASEINATI LI JITTIEKLU

(a) **Il-fatturi essenzjali tal-komposizzjoni**

1. Il-kontenut massimu ta' l-irtuba	8 % tal-piż
2. Il-kontenut minimu tal-kaseina tal-proteini tal-ħalib ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	88 % tal-piż
3. Il-kontenut massimu tal-grass tal-ħalib, ikkalkolat fuq l-estratt imnixxef	2,0 % tal-piż
4. Il-kontenut massimu tal-lattosi anidru	1,0 % tal-piż
5. Il-valur pH	minn 6,0 sa 8,0
6. Il-kontenut massimu tas-sediment (il-partikoli maħruqin)	22,5 mg f'25 g

(b) **Il-kontaminanti**

Il-kontenut massimu taċ-ċomb	1 mg/kg

(ċ) **L-impuritajiet**

Il-materji estranki (bħalma huma l-partikoli ta' l-injam jew tal-metall, ix-xagħar jew il-frak ta' l-insetti)	xejn f'25 g

(d) **L-awżiljari teknoloġiċi tal-kwalità li jittieklu**

(l-aġenti newtralizzanti u li jservu biex inaqqsu l-qawwa, mhux mandatorji)

idrossidi, karbonati, fosfati, ċitrati — ta' — sodju, potassju, kalċju, ammonju, manjeżju

(e) **Il-karatteristiċi**

1. *Ir-riħa:* Togħmiet u rwejjaħ barranin ħfief ħafna.
2. *Id-dehra:* Kulur li jvarja minn abjad għal kulur il-krema; il-prodott m'għandux ikun fih boċċi li ma jitfarrkux bi pressa ħafifa.
3. *Is-solubbiltà:* Kważi solubbli għal kollox fl-ilma ddistillat, għajr għall-kalċju tal-kaesina.